MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 68/2014

**Mikiel Farrugia**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mikiel Farrugia tat-30 ta' Dicembru 2014 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-16 ta' Dicembru 2014, terz interessat fl-applikazzjoni numru PA 1318/10 'basement garages and overlying dwellings';

Rat ir-risposta tal-Awtorita;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel aggravju tal-appellant fis-sens illi d-decizjoni appellata hi nulla billi l-okkju ma jirriflettix il-partijiet kollha fil-proceduri quddiem it-Tribunal;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:

Illi dan huwa Third Party Appeal li sar minn Mikiel Farrugia fil-konfront tal-hrug tal-Permess PA 1318/10.

Dawn il-Proceduri gja gew decizi permezz ta' decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' L-Ambjent u L-Ippjanar diversament presjedut liema decizjoni giet appellatta mill-Appellanti odjern. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 1 ta' Awissu 2013 laqghet l-Appell ta' Michael Farrugia u rrevokat id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambejnt u l-Ippjanar tad-29 ta' marzu 2012 u rrinvjat l-Atti lura lit-Tribunal biex jerga jisma l-kaz skond il-ligi.

In adempiment ta' din is-sentenza it-Tribunal odjerna sema l-kaz u issa qieghed fi posizzjoni li jaghti decizjoni tieghu wara li sema t-trattazzjoni tal-partijiet u ra l-Atti kollha tal-Appell.

L-Aggravji tal-Appellanti kienu s-segwenti:

Illi l-izvilupp propost imur kontra l-policies BEN 1 u BEN 2.

Li l-art in kwistjoni hija art saqwi u ghalhekk ghandu jkun hemm prezunzjoni kontra l-izvilupp residenzjali propost. Hawn l-appellant jaghmel riferenza ghal policies RCO1 u AHF 9.

Li l-izvilupp imur kontra l-Public Health Act bilil l-izvilupp jista jkun ta' pregudizzju ghas-sahha fizika u mentali tal-eventwali residenti.

B'riferenza ghal dak deciz fil-kawza Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tat-23 t' Marzu 2010 Carmel u Mary Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et, l-Approvazzjoni ta' din l-Applikazzjoni tista tilledi d-drittijiet fundamentali tal-Appellanti u b'hekk qed jirrizerva d-drittijiet tieghu fir-rigward tal-MEPA.

Dwar dawn l-Aggravji t-Tribunal ghandu s-segwenti kummenti:

Fir-rigward tal-Policy BEN 1 din taghmilha cara li zviluppi (in generali) ma jigu accettati jekk dawn ikollhom deleterious impact on existing or planned adjacent uses. Din hija policy generali li ghandha tittiehed bhala tali u mhux bhala policy partikolari li ghandha tapplika ghall-kaz odjern. Ifisser li meta jigi deciz applikazzjoni min qed jiddeciedi jrid izomm quddiem ghajnejh kif permess jista jaffettwa uzu adjacent. It-Tribunal jidhirlu li wahdu dan il-policy ma hux tali ghandu jaffettwa din l-Applikazzjoni tenut kont illi fil-kaz odjern l-izvilupp pjanat ghall-inhawi huwa residenzjali u huwa tali li ma ghandu jkollu ebda effett jew impatt negattiv proprju fuq zviluppi residenzjali gja ezistenti jew pjanati ulterjorment. Ghal dak li huwa l-Policy BEN 2 il-fatti huma semplici: l-erja hija zoned ghal zvilupp residenzjali u l-applikazzjoni hija wahda residenzjali. Ghalhekk il-BEN 1 u BEN 2 qed jigi rispettati. Dwar il-kwistjoni ta' art saqwija u l-policy RCO 1. Din il-policy tapplika fi rural conservation areas u kif gja nghad l-erja n kwistjoni hija zoned ghal residential use. Ghalhekk l-policy RCO 1 ma tinwadrax ruhha fl-Applikazzjoni n mertu. Dwar il-policy AHF 9 din tirreferi ghal inkorragament li ghandu jinghata sabiex ikun hemm rilokazzjoni ta' livestock units ghal ragunijiet imsemmija fil-policy. Din hija policy naturalment tajba izda ma tapplikax ghas-sitwazzjoni odjerna billi tapplika meta jkollok sitwazzjoni ta' redevelopment of land. L-Applikant odjern iddikjara li ser jittermina l-uzu ta' razzett ghal livestock u mhux ser jaghmel uzu simili band'ohra.

Jekk l-applikazzjoni tmur kontra l-Public Health Act huwa mertu tal-kontenut ta' dik il-ligi u mhux ta' Ligi ta' Pjanar.

Dwar il-kwistjoni ta' drittijiet kostituzzjonali li jistghu jigu mittiefsa bil-hrug ta' dan il-permess dan it-Tribunal ma ghandux l-kompetenza li jiggudika jekk hemm xi drittijiet li jistghu jigu mittiefsa. Din hija kompetenza ta' Qorti Kostituzzjonali. L-Appellant naturalment ghandu kull dritt li jirriserva l-posizzjoni tieghu in rigward, izda, l-ilment kostituzzjonali semmai ghandu jifforma parti minn rikors kostituzzjonali quddiem Qorti Kostituzzjonali.

L-Appellanti dahal ukoll fil-mertu ta' necessita' jew meno ta' EIA (environmental impact assessment). It-Tribunal hawn jaqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Awtorita' illi l-applikazzjoni mertu ta' dan l-Appell kif ukoll l-applikazzjonijiet u appelli li qed jinstemghu kontestwalment ma' dan l-Appell in toto jammontaw ghal 6555

sqm. L-Applikazzjonijiet n kwistjoni ma jikkwalifikawx ghal EIS jew and EPS anki jekk jigu kkunsidrati bhala applikazzjoni shiha proprju billi jaslu flimkien ghal ammont ta' 6555 sqm. Ir-Regolamenti applikazzjoni jaghtu necessita' ta' 100,000 sqm ghal progetti fi Category 1 u 30,000 ghal category 2.

Irid jizdied jinghad mit-Tribunal li hawn li tratta ta' Applikazzjoni fuq art li hija sewwa fiz-zona ta' zvilupp u li l-Applikazzjoni tirrispetta r-regolamenti kollha tal-Ippjanar applikabbli fiz-zona n kwistjoni.

L-appell huwa ghalhekk michud.

**Ikkunsidrat**

Ir-rikorrenti qed isostni illi l-okkju tad-decizjoni tat-Tribunal hu mankanti billi l-applikant Charles Camilleri, li kien kjamat fil-proceduri quddiem it-Tribunal ma tnizzilx fl-okkju tad-decizjoni u dan jikkostitwixxi nullita insanabbli.

L-Awtorita fir-risposta taghha isostni biss illi l-appellant qed ikun formalistiku izzejjed.

Harsa lejn l-atti juru b’mod car illi l-applikant Charles Camilleri li jirrizulta car fl-okkju tas-sentenza ta’ din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-1 ta’ Awwissu 2013 fejn l-atti gew rimessi lura lit-Tribunal biex jerga’ jisma’ l-appell, gie imholli kompletament barra mill-okkju tad-decizjoni tat-Tribunal meta l-istess Tribunal irrefera per forza ghall-applikant fil-konsiderazzjonijiet tieghu fid-decizjoni. Del resto l-applikant hu fost l-aktar partijiet jekk mhux l-aktar parti direttament interessat fil-vertenza u l-otteniment ta’ permess ghall-applikazzjoni maghmula minnu.

Dan maghdud hu indubitat illi n-nuqqas tieghu fl-okkju tad-decizjoni hi ta’ pregudizzju kbir ghalih peress illi fl-atti quddiem din il-Qorti ma jidhirx qua parti u fil-fatt ma gie notifikat b’ebda att tal-Qorti fi proceduri fejn kien parti quddiem it-Tribunal u ghandu kull interess jiddefendi ruhu minn appell ta’ terz biex jigi revokat permess moghti lilu mill-Awtorita.

Il-kwistjoni li tinsorgi hu jekk tali zball kommess mit-Tribunal, ghax dan hu kjarament lapsus formali da parti tat-Tribunal huX sanabbli fil-ligi u b'hekk l-atti jigu korretti.

Jibda biex jinghad li dak li qed jigi kunsidrat hu korrezzjoni ta' zball f'okkju ta' decizjoni. L-artikolu 175(2) tal-Kap. 12 jirreferu ghal korrezzjonijiet jew zidiet fi skritturi ta' proceduri prezentati quddiem il-Qorti tal-Appell u ma japplikax ghal korrezzjonijiet ta' dak li sehh fil-kawza gia deciza. Dak li jidher li l-Awtorita tixtieq hu illi l-Qorti tawtorizza zieda f'okkju ta' parti li ghalkemm ippartecipat fil-vertenza bhala parti, isimha ma jidhirx fl-okkju tad-decizjoni tat-Tribunal. Din il-Qorti hi konsapevoli ta' sentenzi fejn kien hemm zball lampanti ta' isem fl-okkju u fejn il-Qorti li kienet tisma' l-kawza ikkoregiet l-izball ghax tali zball kien evidenti u manifest fuq il- wicc tal-atti u tqis bhala wiehed involontarju. Tali korrezzjonijiet saru b'riflessjoni ghad dritt Ruman skond il-massima actore verba emendare tenore sententiae preservante, non est prohibitum (ara **Anton Cachia vs Edwin Formosa**, App Civ 30/05/2014).

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti hi pero differenti. Hawn si tratta ta' nuqqas ta' tismija ta' parti, fl-okkju tal-kawza, f'decizjoni li minnha qed isir appell minn wiehed mill-partijiet. Din il-Qorti tqis li hu applikabbli l-artikolu 790 tal-Kap. 12 dwar in-nullita. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Anthony Tabone pro et noe vs Joseph Bianco** (App Civ 03/02/2012) inghad hekk:

> L-artikolu relevanti huwa l-art. 790 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:
>
> 790. Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta' persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija extra petita jew ultra petita jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq.
>
> L-attur iżda jkompli jgħid illi fil-każ tallum hemm "nuqqas ta' ċitazzjoni" – fis-sens ta' "nuqqas ta' tismija" – għax fis-sentenza ma ġewx "ċitati" jew imsemmija l-partijiet kollha, u għalhekk l-eċċezzjoni ta' nullità għandha tintlaqa'.

Għalkemm din il-qorti taqbel mal-attur illi ċ-"ċitazzjoni" msemmija fl-art. 790 ma hijiex l-att proċedurali li bih kienu jinbdew il-kawżi, u li llum ġie sostitwit bir-rikors maħluf, ma taqbilx illi tfisser tismija fis-sentenza, kif irid igħid l-attur, iżda tifhem illi f'dan il-kuntest tfisser "taħrika" jew "sejħa biex tidher", u jkun hemm nuqqas ta' ċitazzjoni meta sentenza tingħata kontra persuna li ma kinitx imħarrka biex tidher fil-kawża, bħal meta jiġi kundannat Tizju proprio f'kawża li saret kontra Tizju nomine.

Kif sewwa josserva l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-prinċipju ermenewtiku ta' eiusdem generis irid illi kull wieħed min-nuqqasijiet imsemmija fl-art. 790 ikun, bħal "kull difett ieħor" li għandu jwassal għan-nullità tas-sentenza, difett li "jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq". L-atturi li isimhom ma jidhirx flocchio tas-sentenza ma ġarrbu ebda preġudizzju minħabba f'dan in-nuqqas: kienu mgħarrfa bil-proċeduri mibdija minnhom, kienu notifikati bl-atti li kienu jeħtieġu notifika, ħadu sehem fit-tmexxija tal-proċeduri, ma sar xejn minn wara daharhom, il-proċeduri saru quddiem qorti li kellha ġurisdizzjoni fuqhom, is-sentenza ma ngħatatx fuq ħaġa li ma kellhomx għax jistennew li sejra tingħata s-sentenza dwarha u ma ġarrbu ebda preġudizzju ieħor li jista' jxellfilhom il-jedd għal smigħ xieraq.

Jidher wisq evidenti illi li titħassar sentenza għal raġuni li ma tagħmel ebda preġudizzju lill-partrijiet u li hija għalkollox indifferenti għall-interessi tagħhom mhux biss ma jkunx fl-interess tal-ġustiżżja iżda anzi jkun ta' ħsara, għax ikun ifisser li dak kollu li sar matul is-seba' snin li ilha tinstema' l-kawża jkun sar għal xejn, b'ħela ta' ħin u ta' flus għalxejn, u dan kollu għal raġuni li ma għandha x'taqsam xejn mal-ħtiġijiet tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Għalhekk, tenut kont li l-jedd ta' smiegħ xieraq ma jirriżultax li ġie ppreġudikat, l-eċċezzjoni ta' nullità tista' tintlaqa' mhux minħabba xi nuqqas proċedurali iżda biss jekk ma jintweriex illi s-sentenza hija "ġusta fis-sustanza tagħha". Dan jista' jsir biss wara illi l-appell ikun instema' fil-meritu. F'dan l-istadju għalhekk l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' iżda tiġi kkunsidrata jekk ikun il-każ fis-sentenza finali.

Din il-Qorti tqis illi ghalkemm hu minnu illi l-applikant kien parti attiva fil-proceduri quddiem it-tribunal u certament kien konsapevoli tad-decizjoni, ma jistax jinghad li ifl-proceduri quddiem din il-Qorti ma hu ser isofri ebda pregudizzju. Hu ma hux qed jigi kunsidrat bhala parti tant li lanqas gie notifikat bl-atti tal-appell u anqas deher quddiem din il-Qorti. Ghandu kull interess jippartecipa f'dawn il-proceduri ta' appell maghmula minn terz interessat biex iwaqqghu permess ta' zvilupp mahrug lil applikant. Id-dritt ta' smigh xieraq jippresupponi d-dritt li jigi notifikat u jippartecipa attivament fil-proceduri quddiem din il-Qorti. Dan difficilment jaghmlu jekk mhux parti formalment gudikat skond l-okkju tad-decizjoni tat-Tribunal. Din il-Qorti ma

tqis li ghandha jedd iddahhlu fil-proceduri minn rajha u ma hemm xejn fil-ligi li jippermetti dan. In-nuqqas tieghu fl-okkju qua parti u konsegwentement in-nuqqas li jigi notifikat formalment biex qua parti jippartecipa attivament fil-proceduri quddiem din il-Qorti qed tippregudika l-pozizzjoni tieghu f'dan l-appell u l-ezitu tieghu li hu ta' importanza diretta ghalih. Kwindi din il-Qorti ma tqis illi tkun qed issir gustizzja mal-partijiet jekk tastjeni milli tqis il-kwistjoni ta' nullita sakemm tara jekk id-decizjoni kinitx gusta fis-sustanza taghha kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fuq citata.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti li f'dan il-kaz il-korrezzjoni tal-okkju mhux sanabbli u jirrendi l-gudikat null kif qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza **Ivan Borg pro et noe vs George Aquilina et** (20/10/2003):

> Ciononostante hu però meħtieġ illi l-okkju tal-kawża jiġi sewwa u bi preċiżjoni reġistrat fis-sentenza tal-Qorti fejn si tratta tal-partijiet in kawża. Partijiet li bil-liġi huma hekk konsidrati fit-termini preċiż tagħha.
>
> Il-Qorti ta' l-Appell però ma għandhiex is-setgħa li tordna l-korrezzjoni ta' l-atti li jkunu saru quddiem l-ewwel Qorti u għalhekk meta l-iżball jiġi konstatat fit-tieni istanza il-Qorti ta' l-Appell ma tistax tagħmel ħaġa oħra ħlief li tikkonstata l-iżball mhux korrett u tħassar is-sentenza. Ara sentenzi a Vol XXXV pI p247; Vol XXXVI pI p200; "Maria Zammit -vs- Lawrence Cappello et", Prim'Awla, Qorti Ċivili, 17 ta' Lulju 1962.
>
> Kif rimarkat fid-deċiżjoni fl-ismijiet "Joseph Busuttil -vs- Avukat Dottor John Mamo nomine", Appell 28 ta' Frar 1997, f'każ fejn l-isem ta' l-attur ġie bi żball fl-okkju indikat bħala John minflok Joseph, "dan hu żball ta' sustanza li l-Qorti ta' l-Appell neċessarjament trid tissollevah "ex officio" in kwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jiġu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawża – li jkunu qed jiġu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza tagħmel stat u torbot lil dawk il-persuni u hu ċar li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirriżultax effikaċi fil-liġi. L-iżball allura jeħtieġ li jiġi rettifikat. Issa ġie ritenut minn din il-Qorti fil-kawża "l-Avukat Dottor Stephen Thake nomine -vs- Fabian Saliba" deċiża fl-4 ta' Mejju 1994 (Vol LXXVIII pII p133) illi "… … din il-Qorti fit-termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 għandha l-fakoltà li tikkoreġi kull żball li jiġi ppreżentat wara s-sentenza ta' l-ewwel istanza imma din il-fakoltà ma testendiex sas-sentenza li tkun appellata quddiemha … … Is-sitwazzjoni ma jidherx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili bl-Att XXIV tal-1995, is-subinċiż 2 ta' l-artikolu 175 infatti ma jirriżultax b'xi mod emendat."

> Fuq l-iskorta ta' dawn id-deċiżjonijiet din il-Qorti għalhekk ma għandhiex awtorità f'dawn iċ-ċirkostanzi illi tikkoreġi żbalji ta' din ix-xorta f'sentenzi ta' Qorti oħra. Dan għandu jsir minn dik il-Qorti wara li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-element ta' preġudizzju fil-proċeduri li jkunu saru quddiemha fir-rigward tal-persuni li kienu l-oġġett ta' dan l-"iżball". Ara f'dan l-istess kuntest deċizjoni fl-ismijiet "Victor Zammit et -vs- Joseph Stivala," Appell, 19 ta' April 1999 u fejn ukoll, inċidentalment, kien tħalla barra mill-okkju kull referenza għall-persuni kwalifikati bħala partijiet bit-trasfużjoni tal-ġudizzju suċċedenti l-mewt ta' l-attur Victor Zammit

Ara wkoll fl-istess sens **Alexander Vella et vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** (App Inf 02/03/2013); **Catherine Ripard vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** (App Inf 18/11/2004); **Joseph Zammit vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et** (App Inf 26/10/2004); u **Joseph Busuttil vs Dr. John Mamo noe** (App Inf 28/02/1997);

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-aggravju tal-appellant u tiddikjara nulla u bla effett id-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-16 ta' Dicembru 2014, u tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal biex jerga' jiddeciedi mill-gdid l-appell. Spejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------